# Tagħrif ġenerali importanti

FIL-AĦĦAR artiklu tiegħi bdejt nagħti tagħrif ġenerali li huwa importanti li wieħed ikun jaf. It-tagħrif ta' ħmistax ilu kien jitratta kemm id-drittijiet u kif ukoll l-obbligi li ċ-ċittadin għandu meta japplika għal xi benefiċċju jew pensjoni.

Illum se nkompli nwassal aktar tagħrif importanti li jikkonċerna każi fejn dak li jkun jitħallas żejjed u kif il-ħlas żejjed jinġabar lura. Se nitratta wkoll id-dritt li kull applikant għandu li jappella minn kwalunkwe deċiżjoni li jkun ħa d-Dipartiment.

## X'inhu ħlas żejjed?

Meta persuna tkun qed tirċievi kwalunkwe benefiċċju, jista' jagħti l-każ li r-rata li tkun qed titħallas biha ma tkunx dik li suppost qed titħallas biha. Dan jista' jkun kemm favur il-benefiċċjarju kif ukoll kontra. Jekk ikun favur, jiġifieri li jkun qed jitħallas b'rata aktar baxxa, meta mbagħad tkun riveduta ir-rata, il-benefiċċjarju jirċievi l-arretrati kollha b'lura mid-data meta suppost ikun qed jitħallas bir-rata t-tajba 'l quddiem. Dan ġieli jkun ikopri numru ta' ġimgħat, numru ta' xhur u f'ċerti każi anke numru ta' snin.

Iżda meta jkun kontra, jiġifieri li jkun qed jitħallas b'rata ogħla milli suppost, naturalment dan joħloq inkonvenjent għall-benefiċċjarju kif se nispjega. Agħar minn hekk, ġieli jkun hemm każi fejn lanqas dritt ma suppost ikollu l-benefiċċjarju li jirċievi l-benefiċċju u allura l-inkonvenjent ikun akbar.

Il-ħlas żejjed huwa għalhekk dak l-ammont ta' benefiċċju li persuna tirċievi aktar milli jkun dovut lilha bil-liġi. Jista' jkun differenza bejn ir-rata ħażina u r-rata t-tajba u jista' jkun, kif għedt qabel, l-ammont sħiħ ta' benefiċċju li wieħed ikun irċieva minn meta suppost ma baqax intitolat għalih 'il quddiem.

## Kif jirriżulta ħlas żejjed?

Ħlas żejjed primarjament jista' jirriżulta minħabba żewġ raġunijiet.

Jista' jirriżulta kemm minħabba nuqqas ta' informazzjoni mogħtija mill-benefiċċjarju jew minn dikjarazzjoni falza li jkun għamel il-benefiċċjarju bil-għan li jikkwalifika għal benefiċċju meta fir-realtà dan mhux suppost ikun jikkwalifika għalih, jew ma jkunx jikkwalifika għalih bl-istess rata li biha jkun qed jitħallas. Jista' wkoll jirriżulta minħabba żball uman, proċedurali jew tekniku min-naħa tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali.

Dawn iż-żewġ raġunijiet prinċipali mhumiex ittrattati l-istess fil-mod kif id-Dipartiment jieħu l-azzjoni, skont kif stabbilit bil-liġi, biex jiġbor lura l-ammont ta' benefiċċju mhux dovut. Sa ċertu punt, dan huwa ġust għax persuna li tkun tat dikjarazzjoni falza jew naqset milli tagħti informazzjoni biex tibbenefika minn benefiċċju m'għandhiex titqies l-istess bħal persuna li tat l-informazzjoni kollha mitluba mingħajr ħabi iżda minħabba żball mhux tagħha xorta rriżulta li kienet qed titħallas benefiċċju jew parti minnu meta ma kellhiex dritt għalih.

## X'azzjoni tittieħed mid-Dipartiment?

Artiklu 102 tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali jistipula li "kull persuna li tkun irċeviet xi somma bħala benefiċċju, pensjoni, allowance jew għajnuna taħt dan l-Att li ma kellhiex dritt għalih skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, għandha tħallas lura lid-Direttur (Ġenerali) is-somma li tkun hekk irċeviet, u d-Direttur (Ġenerali) għandu, mingħajr preġudizzju għal kull dritt ieħor li tagħtih il-liġi, jiġbor lura dik is-somma permezz ta' tnaqqis minn xi benefiċċju, pensjoni, allowance jew għajnuna li jkollha dritt għalihom wara dan". Mela l-prinċipju legali huwa ċar – id-Dipartiment għandu d-dritt li jiġbor lura kull ħlas żejjed ta' kwalunkwe benefiċċju mingħand il-benefiċjarju.

Iżda kif għedt qabel u kif se nkompli nispjega, l-istess Artiklu 102 jagħmel distinzjoni ċara bejn it-tip ta' azzjoni li d-Dipartiment jista' jieħu bil-liġi kontra min jagħmel dikjarazzjoni falza u l-azzjoni li tittieħed biex jinġabar ħlas żejjed mingħand benefiċjarju li jkun ġenwin.

## Kif jintradd lura ħlas żejjed f'każ mhux ġenwin?

Fil-fatt Artiklu 102 ikompli hekk: "(i) meta dak il-ħlas żejjed iseħħ b'riżultat ta' nuqqas ta' stqarrija jew ta' preżentazzjoni ħażina ta' fatti materjali (sew jekk in-nuqqas ta' stqarrija jew preżentazzjoni ħażina kienu jew ma kinux bi frodi) ir-rata ta' ġbir lura permezz ta' tnaqqis minn xi benefiċċju, pensjoni, allowance jew għajnuna li jkollha dritt għalihom wara dan għandu jiġi deċiż mid-Direttur (Ġenerali) iżda fl-ebda każ ma għandu jkun inqas mill-ekwivalenti ta' 10% tar-rata ta' benefiċċju, pensjoni, allowance jew għajnuna li jkollha dritt għalihom wara dan".

Mela fil-każ ta' ħlas żejjed li rriżulta minħabba nuqqas ta' informazzjoni jew dikjarazzjoni falza minn naħa tal-benefiċjarju, hawnhekk Artiklu 102 qed jistabbilixi żewġ punti importanti, fi kliem ieħor, li l-ħlas żejjed irid jintradd lura kollu u li d-Dipartiment jista' jagħmel dan billi jiġbru minn kull benefiċċju li l-benefiċjarju jkun qed jirċievi b'rata ta' mhux inqas minn 10% minn kull benefiċċju.

Dan ifisser li f'każ bħal dan, id-Dipartiment jista' anke jekk ikun meħtieġ, jiġbor il-ħlas lura b'rata ta' 100%, jiġifieri jinżammu l-benefiċċji kollha tal-persuna sakemm il-ħlas lura jinġabar kollu. Madankollu dan jiġri biss f'każi eċċezzjonali. Id-Dipartiment juża d-diskrezzjoni li għandu f'dawn il-każi b'mod ġust u maħsub billi fost oħrajn jagħti kunsiderazzjoni lil numru ta' fatturi bħall-età tal-benefiċjarju, kemm għandu benefiċċji, l-ammont li jrid jinġabar, kemm se jibqagħlu f'idejh wara li jibda jinqata' l-ħlas żejjed u l-gravità tal-każ partikolari.

Minkejja dan, kwalunke ħlas żejjed hu kemm hu, żgur li se joħloq inkonvenjent. Dan għax jonqos id-dħul tal-benefiċċjarju kemm minħabba li ma jibqax jirċievi parti minn, jew benefiċċju partikolari (għax ma jibqalux dritt għalih) u anke minħabba li mill-kumplament tal-benefiċċji li jkun qed jirċievi jibdew jinżammulu l-pagamenti biex jinġabar lura l-ħlas żejjed dovut minnu.

Huwa għalhekk li jien kemm-il darba f'din il-paġna emfasizzajt fuq l-importanza li meta wieħed japplika għal kwalunkwe benefiċċju, speċjalment dawk li d-dritt għalihom jiddependi mit-test tal-mezzi, l-applikant huwa fid-dmir li jagħmel dikjarazzjonijiet korretti u jagħti l-informazzjoni kollha mitluba. Id-Dipartiment illum għandu l-mezzi kif jivverifika l-informazzjoni mogħtija jew mhux mogħtija u xi darba jew oħra, il-probabilità hi li min ikun qed jieħu benefiċċju b'qerq se jinqabad bil-konsegwenzi kollha li semmejt.

Barra minn hekk, il-benefiċċjarju għandu wkoll dejjem jiċċekkja mal-eqreb uffiċċju distrettwali tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, kull meta jkollu xi tibdil fiċ-ċirkostanzi tiegħu. Dan minħabba li tibdil bħal dan jista' jaffetwa d-dritt għal xi benefiċċju li jkun qed jirċievi jew ir-rata li biha jkun qed jitħallas. Jekk dan it-tibdil fiċ-ċirkostanzi ikun importanti imbagħad ikun jista' jsir rapport fl-uffiċċju distrettwali biex tittieħed azzjoni immedjata u ma jkunx hemm problemi.

## Kif jintradd lura ħlas żejjed f'każ ġenwin?

Kif għedt qabel Artiklu 102 jistipula azzjoni ferm inqas iebsa biex jinġabar ħlas żejjed mingħand benefiċċjarju li jkun ġenwin.

Fil-fatt, f'dan il-każ dan l-Artiklu jgħid li "r-rata ta' ġbir lura permezz ta' tnaqqis minn xi benefiċċju, pensjoni, allowance jew għajnuna li jkollha dritt għalihom wara dan għandu wkoll jiġi deċiż mid-Direttur (Ġenerali) iżda f'ebda każ m'għandu jkun aktar mill-ekwivalenti ta' 5% tar-rata ta' benefiċċju, pensjoni, allowance jew għajnuna li jkollha dritt għalihom wara dan, sakemm il-benefiċċjarju jew il-pensjonant konċernat, skont kif ikun il-każ, jitlob li rata ogħla ta' dak it-tnaqqis tiġi effettwata; iżda hekk li fi kwalunkwe każ id-Direttur (Ġenerali) m'għandu jkollu ebda dritt li jagħmel kull tnaqqis bħal dak kif imsemmija f'dan il-paragrafu dwar ħlasijiet żejda, li jkunu saru qabel il-perjodu ta' sentejn qabel id-data li fiha d-Direttur (Ġenerali) ikun sar jaf b'dak il-ħlas żejjed irrispettivament mill-perjodu li għalih dak il-ħlas żejjed jirreferi".

Mela hawnhekk hawn żewġ fatturi importanti u ferm inqas iebsa minn ta' qabel. Meta l-ħlas żejjed ma jkunx ħtija tal-benefiċċjarju, id-Dipartiment ma jistax jiġbor lura ħlas żejjed li jmur lura aktar minn sentejn mid-data li fiha jkun skopert li l-benefiċċjarju jkun qed jirċievi parti minn, jew benefiċċju partikolari kollu meta ma kellux dritt għalih. Jiġifieri jekk illum d-Dipartiment jiskopri żball ġenwin fir-rata tal-benefiċċju ta' xi ħadd u dan l-iżball ilu li sar, ngħidu aħna, mill-2006, id-Dipartiment ma jistax jiġbor lura l-ħlas żejjed kollu mill-2006 sal-lum iżda biss minn April 2009 sal-lum (sentejn).

Barra minn hekk, id-Dipartiment jista' jiġbor il-ħlas żejjed jew parti minnu wkoll minn kull benefiċċju li l-benefiċċjarju jkun qed jirċievi iżda b'rata ta' mhux aktar minn 5% minn kull benefiċċju. Madankollu, il-benefiċċjarju jista' jagħżel li jħallas b'lura b'rata aktar għolja iżda din hija biss għażla tiegħu f'dan il-każ.

Tajjeb li ngħid li f'kull każ, skont Artiklu 102, jekk waqt li benefiċċjarju jkun qed irodd lura ħlas żejjed permezz ta' tnaqqis mill-benefiċċji li jkun qed jirċievi, jirriżulta li għandu dritt għal xi arretrati wara li tkun saret stima ġdida tar-rata applikabbli, dawn l-arretrati jew parti minnhom jistgħu jinżammu biex jinqata' parti minn jew il-ħlas żejjed kollu li jkun għadu dovut. Naturalment, jekk l-arretrati dovuti jkunu ogħla mill-bilanċ tal-ħlas żejjed dovut, il-benefiċċjarju jirċievi l-kumplament tal-arretrati wara li jkun inqata' l-bilanċ kollu tal-ħlas żejjed.

Ukoll f'kull każ ta' ħlas żejjed, meta jirriżulta ħlas żejjed u l-persuna li trid troddu lura ma tkun qed tirċievi ebda benefiċċju mid-Dipartiment, il-persuna tkun trid tagħmel ftehim mad-Dipartiment dwar il-mod kif il-ħlas żejjed ikun se jitħallas lura. Meta l-persuna tonqos milli tagħmel dan jew ma troddx lura l-ħlas żejjed dovut jew parti minnu, id-Di-




*IMPORTANTI: L-informazzjoni li qed tingħata f'din ir-rubrika mhijiex intenzjonata li titqies bħala parir legali dwar xi drittijiet għal kwalunke benefiċċju soċjali jew materja oħra ta' sigurtà soċjali. L-għan ta' din ir-rubrika huwa purament u unikament biex tingħata informazzjoni ġenerali dwar is-sistema tas-sigurtà soċjali f'Malta. Għal aktar tagħrif tista' żżur il-websajt tagħna http://www.socialsecurity.gov.mt tibgħat imejl fuq social.security@gov.mt, tista' tmur f'wieħed mill-uffiċċji distrettwali tagħna f'Malta u Għawdex jew inkella iċċempel fuq in-numru 159 jew 25903000.*

# li tkun taf

partiment jista' jibda proċeduri legali biex jiġbor l-ammont dovut. Meta persuna, li għandha ħlas żejjed xi trodd lura, tmut il-ħlas żejjed ikun irid jitħallas b'lura mill-eredi tagħha.

## Id-dritt ta' appell

Issa se nitkellem ftit dwar dritt ieħor importanti li kull benefiċċjarju jew applikant għal benefiċċju għandu, fi kliem ieħor dak li jappella minn xi deċiżjoni li jkun ħa d-Dipartiment. Dan ma jirrigwardax biss każijiet ta' ħlas żejjed, iżda wkoll ngħidu aħna rifjut ta' applikazzjonijiet għal benefiċċji u deċiżjonijiet oħrajn simili li jieħu d-Dipartiment. Appell bħal dan jista' jsir quddiem dak li jissejjaħ l-Arbitru tas-Sigurtà Soċjali.

Skont Artiklu 107 tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, il-Ministru responsabbli mis-sigurtà soċjali "jista' jaħtar persuna jew aktar biex iservu ta' Arbitri fil-każijiet kif jistgħu jiġu riferuti lilhom minn żmien għal żmien, b'dan li: (a) f'kull każ il-persuna maħtura jrid ikollha warrant biex teżerċita l-professjoni ta' avukat f'Malta għal mill-inqas seba' snin; u (b) il-ħatra tkun għal żmien sena".

L-Arbitru, li jkun indipendenti mid-Direttur Ġenerali u d-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, għandu s-setgħa li, biex jeżamina każ li jitressaq quddiemu, jieħu parir ta' espert meta fid-diskrezzjoni tiegħu jqis li hu meħtieġ, u li jħarrek lil min irid biex jidher quddiemu, jixhed bil-ġurament u/jew biex iġib dokumenti; u għal dawn l-iskopijiet ikollu l-poteri mogħtijin bil-liġi lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili. Id-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali jew rappreżentant tiegħu jkollu l-jedd jidher u jinstema' fuq kull appell jew każ li jitressaq quddiem l-Arbitru.

## Dwar xiex jista' jsir appell?

Jista' jsir appell lill-Arbitru dwar kull deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali fuq xi punt ta' liġi jew prinċipju ta' importanza li jitqanqal dwar il-kwistjonijiet imsemmija f'Artiklu 105, jew aħjar: (a) jekk xi mpjieg ikunx impieg assigurabbli; (b) jekk persuna hijiex jew kinitx persuna impjegata jew persuna li timpjega lilha nnifisha jew persuna li taħdem għaliha nnifisha; (ċ) min hu jew min kien il-prinċipal ta' persuna impjegata; (d) jekk għandhomx jitħallsu kontribuzzjonijiet minn jew dwar xi persuna; jew (e) jekk kontribuzzjoni tħallsitx minn jew dwar xi persuna. Appell dwar deċiżjoni fuq każ bħal dan jista' jsir bil-miktub fi żmien għaxar snin minn dik id-deċiżjoni.

Appell jista' jsir ukoll dwar kull deċiżjoni li jieħu d-Direttur Ġenerali dwar kull talba għal benefiċċju, pensjoni, allowance jew għajnuna, kemm meta t-talba tintlaqa' u kemm meta tiġi miċħuda. Madankollu, meta talba għal xi benefiċċju tiġi miċħuda wara li d-Direttur ikun ikkonsulta ruħu dwar l-aspetti mediċi tat-talba malbord mediku maħtur apposta, fil-każ tal-Benefiċċju għall-Korriment fuq ix-Xogħol, Għotja għall-Korriment fuq ix-Xogħol, Pensjoni għall-Korriment fuq ix-Xogħol, Għajnuna Medika, Għajnuna Soċjali għal Mard, Pensjoni għall-Wens, Pensjoni għal Persuna b'Vista Batuta, Pensjoni għal Diżabilità jew Allowance għal Tfal b'Diżabilità, id-Direttur Ġenerali jista' jirrevedi d-deċiżjoni tiegħu u fejn il-persuni fil-bord mediku jkunu differenti minn dawk fl-ewwel bord mediku li jkun investiga l-każ l-ewwel darba.

Appell jista' jsir ukoll dwar il-mod kif ikun ġie kkalkulat id-Dħul Pensjonabbli fil-każ ta' talba għal Pensjoni taż-Żewġ Terzi jew Pensjoni tas-Superstiti. Importanti, li f'dawn il-każi msemmija, l-appell jista' jsir biss bil-miktub fi żmien 30 jum middata li fiha d-Direttur Ġenerali jikkomunika d-deċiżjoni tiegħu bil-miktub lir-rikorrent jew lill-benefiċċjarju skont il-każ.

## Min jista' jagħmel l-appell?

L-appell jista' jsir (a) fuq talba ta' xi persuna li tħoss ruħha aggravata b'xi deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali; jew (b) mill-armla jew mill-armel, skont il-każ, jew mill-eredi ta' xi persuna li tkun hekk ħasset ruħha aggravata; jew (ċ) fuq talba ta' trejdunjin jekk il-persuna li tħoss ruħha hekk aggravata tkun jew filwaqt ta' mewtha kienet membru ta' dik it-trejdunjin.

Meta jkun qiegħed jikkunsidra xi appell, l-Arbitru għandu jkollu l-għajnuna ta' numru ta' persuni biex jagħmluha ta' assessuri. Dawn ikunu jirrappreżentaw lill-Gvern, lil min iħaddem u lill-unjins.

F'kull każ meta l-Arbitru jiddeċiedi li jisma' appell, għandha tingħata notifika raġjonevoli tal-ħin u lok li fih ikun se jsir issmigħ lir-rikorrent jew lill-benefiċċjarju skont il-każ, u lil kull persuna oħra li l-Arbitru jidhirlu li jista' jkollha interess fil-każ. Fis-seduta tas-smigħ tal-każ, ir-rikorrent jew persuna li lilha tkun ingħatat in-notifika regolari tas-smigħ jistgħu jidhru kemm personalment jew billi jkollhom rappreżentant li jkun inħatar minnhom biex jidher għalihom, bħal pereżempju avukat.



**MARK MUSÙ**
Direttur għall-Iżvilupp Strateġiku u Relazzjonijiet Internazzjonali – Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali

Jekk, f'każ, ta' appell, irrikorrent jew benefiċċjarju, skont il-każ, li jkun ġie notifikat regolarment bis-smigħ, ma jidhirx għas-seduta u ma jagħtix spjegazzjoni raġonevoli għall-assenza tiegħu, l-Arbitru jista' jgħaddi biex jiddeċiedi l-każ, minkejja l-assenza tiegħu, jew jista' wkoll jiċħad l-appell. F'kull każ, l-Arbitru jiddeċiedi hu fuq il-każ wara li jkun ikkunsidra sew li qed jitwettqu l-prinċipji tal-ġustizzja u ekwità.

Tajjeb li ngħidu li kemm ir-rikorrent jew il-benefiċjarju skont il-każ, kif ukoll id-Direttur Ġenerali, jistgħu jappellaw minn Deċiżjoni tal-Arbitru. Dan jista' jsir quddiem il-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) permezz ta' rikors fi żmien 30 jum mill-ġurnata meta d-deċiżjoni tal-Arbitru tkun twasslet bil-miktub permezz ta' posta reġistrata lil min jagħmel it-talba jew lill-benefiċċjarju jew lid-Direttur Ġenerali, skont il-każ.

Madankollu, fil-proċeduri li jsiru quddiem xi Qorti, (a) għal reat taħt l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali; jew (b) li jinvolvu xi kwistjoni dwar il-ħlas ta' xi kontribuzzjoni taħt dan l-istess Att; jew (ċ) għall-ġbir lura ta' xi somom dovuti taħt dan l-Att, id-deċiżjoni tal-Arbitru f'xi kwistjoni msemmija fl-Artikolu 105 (li rreferejt għalihom aktar qabel) għandha tkun konklużiva għall-għan ta' dawk il-proċedimenti u għalhekk ma jistax isir rikors dwarhom quddiem il-Qorti tal-Appell.

*Staqsi lis-Sur Mark Musù billi tikteb lil:*

**Paġna Sigurtà Soċjali, l-orizzont,**
**A41 Qasam Industrijali, Marsa, MRS3000**

*inkella b'imejl bis-suġġett "Paġna Sigurtà Soċjali" fl-indirizz* ***ittri@unionprint.com.mt****. Il-mistoqsijiet iridu jkunu ta' interess ġenerali, mhux każi privati jew personali.*